



OPINJONI Nru 06/2010

TAL-AĠENZIJA EWROPEA TAS-SIKUREZZA TAL-AVJAZZJONI

tad-29 ta' Novembru 2010

dwar l-opportunità għal emenda tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003 dwar il-kapaċità kontinwata li jintużaw fl-ajru ta' inġenji tal-ajru u prodotti, partijiet u tagħmir ajrunawtiku, u dwar l-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet u persunal involut f'dan ix-xogħol

'Parti-145 Rilaxx Uniku u Multiplu'

I. Ġenerali

1. L-għan ta' din l-Opinjoni huwa li tiċċara l-pożizzjoni tal-Aġenzija fir-rigward tal-opportunità li temenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003¹ f'dak li jirrigwarda l-kwistjoni ta' "Parti-145 Rilaxx Uniku u Multiplu". Ir-raġunijiet għal din l-attività ta' tfassil ta' regoli huma deskritti hawn taħt.
2. L-Opinjoni ġiet adottata wara l-proċedura speċifikata mill-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (l-Aġenzija)², skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) Nru 216/2008³ (ir-Regolament Bażiku).
3. Il-paragrafu 145.A.50(a) tal-Anness II tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003 jiddikjara li: "Ċertifikat ta' rilaxx għas-servizz għandu jinħareġ mill-persunal ta' ċertifikazzjoni awtorizzat kif jixraq f'isem l-organizzazzjoni meta jkun ġie vverifikat li l-manutenzjoni kollha ordnata tkun twettqet kif jixraq mill-organizzazzjoni skont il-proċeduri speċifikati f'145.A.70, filwaqt li titqies id-disponibbiltà u l-użu tad-dejta tal-manutenzjoni speċifikata fil-punt 145.A.45 u li m'hemm l-ebda nuqqas ta' konformità magħruf li jipperikola s-sikurezza tat-titjira.". [Traduzzjoni mhux uffiċjali]

Barra minn hekk, il-paragrafu 145.A.50(b) jiddikjara li 'Għandu jinħareġ ċertifikat ta' rilaxx għas-servizz qabel titjira meta titlesta kwalunkwe manutenzjoni.'. [Traduzzjoni mhux uffiċjali]

Mill-formolazzjoni tal-kliem tal-punt 145.A.50(b) huwa possibbli li jingħataw dawn iż-żewġ interpretazzjonijiet:

- **Interpretazzjoni 1:** Għandu jkun hemm ċertifikat uniku ta' rilaxx għas-servizz li jkopri l-manutenzjoni kollha mwettqa qabel titjira [peress li 145.A.50(b) jiddikjara li '**Ċertifikat** ta' rilaxx għas-servizz...'].
- **Interpretazzjoni 2:** Il-manutenzjoni mwettqa qabel it-titjira tista' tinqasam fl-elementi kollha ta' manutenzjoni mixtieqa [peress li 145.A.50(b) jiddikjara li '... meta titlesta **kwalunkwe** manutenzjoni'], u jinħareġ ċertifikat ta' rilaxx għas-servizz għal kull wieħed minn dawk l-elementi ta' manutenzjoni.

4. Din l-ambigwità tar-Regolament tat bidu, fl-Ewropa, għal metodi differenti għar-rilaxx ta' inġenju tal-ajru, inkluż rilaxx uniku, rilaxx multiplu u l-varjazzjonijiet/taħlit tat-tnejn li huma, kull wieħed bil-vantaġġi u l-iżvantaġġi tiegħu, li jistgħu jitqassru kif ġej:

¹ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003 tal-20 ta' Novembru 2003 dwar l-kapaċità kontinwata li jintużaw fl-ajru ta' inġenji tal-ajru u prodotti, partijiet u tagħmir ajrunawtiku, u dwar l-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet u persunal involut f'dan ix-xogħol (ĠU L 315, 28.11.2003, p. 1). Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 962/2010 tas-26 ta' Ottubru 2010 (ĠU L 281, 27.10.2010, p. 78).

² Id-Deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija rigward il-proċedura li għandha tiġi applikata mill-Aġenzija għall-ħruġ tal-Opinjonijiet, Ċertifikazzjonijiet, Speċifikazzjonijiet u Materjal ta' Gwida. EASA MB 08-2007 tal-11.06.2007 ('Proċedura ta' Tfassil ta' Regoli').

³ Ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jistabblixi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u d-Direttiva 2004/36/KE (ĠU L 79, 19.03.2008, p. 1). Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1108/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 51).

- **Rilaxx uniku:** Iċ-ċertifikat tal-inġenju tal-ajru tar-rilaxx għas-servizz jinħareġ minn persuna unika wara azzjoni unika jew wara diversi azzjonijiet ta' manutenzjoni, ffirmati kif jixraq mill-persunal awtorizzat.
 - Vantaġġi:
 - Il-pilota jirċievi rilaxx uniku li jgħidlu/jgħidilha li l-manutenzjoni kollha ordnata mill-operatur tkun tlestiet.
 - Jekk jiġi implimentat sewwa, dan għandu jiżgura li l-azzjonijiet ta' manutenzjoni kollha jkunu ġew ikkoordinati b'mod xieraq.
 - Żvantaġġi:
 - Dan jimplika li l-persuna li tiffirma r-rilaxx uniku għas-servizz (u l-organizzazzjoni tiegħu/tagħha) għandu jkollha, fl-ambitu tax-xogħol/awtorizzazzjoni, il-kompiti kollha koperti mir-rilaxx.
 - Ir-responsabbiltà sħiħa għall-azzjonijiet kollha tal-manutenzjoni taqa' fuq dik il-persuna.
 - Huwa diffiċli ħafna biex jiġi implimentat meta diversi organizzazzjonijiet ta' manutenzjoni jkunu involuti f'avveniment ta' manutenzjoni.
 - **Rilaxx multiplu:** Jinħarġu diversi ċertifikati tar-rilaxx għas-servizz, kull wieħed minnhom ikopri ċerti kompiti ta' manutenzjoni.
 - Vantaġġi:
 - Kull organizzazzjoni u kull persunal ta' ċertifikazzjoni jista' jkun responsabbli biss għall-kompiti ta' manutenzjoni li jkun wettaq u ċertifika.
 - Żvantaġġi:
 - Il-pilota jirċievi diversi ċertifikati tar-rilaxx għas-servizz, li jagħmluha aktar diffiċli biex jivverifika li l-manutenzjoni kollha ordnata mill-operatur tkun tlestiet.
 - Ma jindirizzawx b'mod ċar l-attivitajiet ta' koordinazzjoni meħtieġa bejn il-persunal differenti ta' ċertifikazzjoni jew bejn l-organizzazzjonijiet differenti.
5. Sabiex tindirizza dawn il-kwistjonijiet, l-Aġenzija ħolqot Kompitu ta' regolamentazzjoni (145.012) u twaqqaf grupp ta' abbozzar magħmul minn rappreżentanti ta' awtoritajiet, assoċjazzjonijiet ta' persunal ta' manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru, rappreżentanti tal-industrija u l-esperti tal-EASA.
6. Il-kompitu tal-grupp ġie deskritt fit-Termini ta' Referenza (ToR) korrispondenti, ippubblikati fuq il-websajt tal-Aġenzija f':
<http://easa.europa.eu/rulemaking/terms-of-reference-and-group-composition.php>.

Dan id-dokument iddikjara li:

'Fl-Ewropa jikkoeżistu żewġ sistemi ta' rilaxx għas-servizz: rilaxx uniku jew rilaxx multiplu. Dan jista' jwassal għal nuqqas ta' fehim u possibbilment għal kwistjonijiet relatati mas-sikurezza. Għalhekk, l-awtoritajiet tal-industrija u tal-avjazzjoni nazzjonali talbu li din il-kwistjoni tiġi ċċarata sabiex jibqa' biss sistema waħda, jekk ikun possibbli.' [Traduzzjoni mhux uffiċjali]

7. Madankollu, il-ħidma mwettqa waqt il-kompitu 145.012 wasslet għall-konklużjoni li ma kienx raġonevoli li tinżamm sistema waħda biss minn dawk iż-żewġ sistemi, minħabba li kull waħda minnhom għandha l-vantaġġi u l-iżvantaġġi tagħha. Kien aħjar li tinħoloq sistema li tinkorpora l-benefiċċji taż-żewġ sistemi filwaqt li fl-istess ħin tipprovdi flessibbiltà lill-operatur u lill-organizzazzjonijiet ta' manutenzjoni. Din is-sistema għandha tiżgura u tinnotifika b'mod ċar lill-pilota li l-kompiti kollha jkunu tlestew u jkunu ġew ikkoordinati kif xieraq, għandha tipprovdi linja ċara ta' responsabbiltajiet u, fl-istess ħin, għandha tippermetti prattiki tipiċi bħar-rilaxx tal-manutenzjoni meta jinstabu difetti (jiġifieri spezzjonijiet tal-NDT (testijiet mhux distruttivi)), jew meta l-inġenju tal-ajru jiġihalla f'konfigurazzjoni mhux approvata (jiġifieri t-tneħħija ta' magna għall-preservazzjoni).

Dan kollu, ikkumplementat minn materjal AMC/GM suffiċjent, għandu jiżgura armonizzazzjoni akbar matul l-implimentazzjoni u t-titjib tas-sikurezza.

II. Konsultazzjoni

8. Fuq il-bażi tal-kontribut tal-grupp tal-abbozzar, l-Aġenzija ħarġet NPA 2007-09 fit-28 ta' Ġunju 2007 u ppubblikatu fuq il-websajt tagħha f':
http://www.easa.europa.eu/ws_prod/r/r_archives.php.
9. Sad-data tal-għeluq tat-28 ta' Ottubru 2007 (li nkludiet estensjoni ta' xahar mal-perjodu inizjali ta' konsultazzjoni ta' 3 xhur), l-Aġenzija kienet irċeviet 242 kumment mingħand l-Awtoritajiet Nazzjonali tal-Avjazzjoni, organizzazzjonijiet professjonali u kumpaniji privati.
10. Il-kummenti li waslu permezz tal-konsultazzjoni esterna tal-NPA urew tħassib sinifikanti mill-Awtoritajiet Nazzjonali u l-partijiet interessati dwar il-kumplessità u l-implikazzjonijiet tal-kunċett propost fl-NPA.
11. Sabiex jiġi indirizzat dan it-tħassib, twaqqaf grupp ta' reviżjoni, magħmul mill-membri tal-grupp ta' ħidma responsabbli mill-abbozzar tal-NPA flimkien ma' espert wieħed mid-Dipartiment ta' Standardizzazzjoni (EASA) u espert wieħed mill-Industrija li tirrappreżenta l-Linji tal-Ajru Reġjonali Ewropej (ERA). L-għan kien li jithejjea is-CRD korrispondenti (Dokument ta' Risposta għall-Kummenti).
12. Wara li rreveda l-kummenti, il-grupp ta' reviżjoni ddeċieda li jissimplifika b'mod konsiderevoli l-kunċett propost filwaqt li jżomm l-oġġettivi tal-kompitu. Il-bidliet jistgħu jitqassru kif ġej:
- a. Il-kunċett propost fl-NPA, li kien ibbażat fuq il-ħruġ ta' tliet ċertifikati differenti [Ċertifikat ta' Rilaxx tal-Manutenzjoni (MRC), Ċertifikat ta' Bażi tar-Rilaxx tal-Manutenzjoni (BMRC), u Ċertifikat ta' Rilaxx għas-Servizz (CRS)], ġie sostitwit minn kunċett issimplifikat ħafna aktar ibbażat fuq il-ħruġ ta' Ċertifikat ta' Rilaxx għas-Servizz wieħed jew ħafna minnhom u Ċertifikat Finali ta' Rilaxx għas-Servizz. B'mod partikolari:
1. Ċertifikati ta' Rilaxx għas-Servizz (CRS):
 - Dawn inħarġu minn kull organizzazzjoni tal-Parti-145 involuta f'avveniment ta' manutenzjoni.
 - L-għan tagħhom kien li jiċċertifikaw il-manutenzjoni mwettqa minn dik l-organizzazzjoni u, bħala konsegwenza, kellhom jinħarġu minn persunal ta'

ċertifikazzjoni bil-kategoriji ta' liċenzji u l-klassifikazzjonijiet tat-tipi/gruppi adatti.

- L-Organizzazzjoni tal-Parti-M Subparti G (CAMO) tista' tiddeċiedi jekk tippreferix tuża Log Tekniku meta kull kompitu jiġi rilaxxat jew Log Tekniku meta l-kompiti jiġu ffirmati li tlestew u mbagħad rilaxxati bħala blokk ta' kompiti.
- Dawn jistgħu jinħarġu anki jekk jinstab nuqqas ta' konformità (jiġifieri spezzjoni NDT mwettqa minn organizzazzjoni kklassifikata D1, meta jinstabu xquq) jew anke jekk l-inġenju tal-ajru jitħalla f'konfigurazzjoni mhux tajba għat-titjir (jiġifieri l-ordni tax-xogħol teħtieġ li jitneħħew il-magni għall-finijiet ta' preservazzjoni) sakemm dan ikun ġie rreġistrat b'mod korrett fis-CRS u jkun ġie nnotifikat lill-CAMO.

Madankollu, dawn in-nuqqasijiet ta' konformità jew il-konfigurazzjonijiet mhux approvati jeħtieġ li eventwalment jiġu rrettifikati jew differiti kif adatt, mas-CRS korrispondenti.

- Il-persunal ta' ċertifikazzjoni jieħu r-responsabbiltà kollha għall-manutenzjoni u l-elementi differiti koperti miċ-Ċertifikat ta' Rilaxx għas-Servizz li jkun ħareġ.

2. Ċertifikat Finali ta' Rilaxx għas-Servizz (CRS Finali):

- Inħareġ mill-organizzazzjoni tal-Parti-145 li kienet inħatret mill-CAMO biex tagħmel dan.
- L-għan tagħha kien li tiċċertifika u tinnotifika lill-pilota li l-manutenzjoni kollha ordnata mill-CAMO kienet tlestiet jew ġiet differita kif adatt. Madankollu, hija ma aġixxietx bħala ċertifikazzjoni tal-manutenzjoni mwettqa jew bħala ċertifikazzjoni ta' dawk l-elementi differiti, peress li dan kien diġà mwettaq mis-CRS korrispondenti deskritt hawn fuq. Din kienet ir-raġuni għala, pereżempju, persunal ta' ċertifikazzjoni B1 bil-klassifikazzjoni adatta tat-tip/grupp ikun jista' jorhoġ CRS Finali li jkopri l-manutenzjoni tal-linja u dik bażi.
- Bħala konsegwenza ta' dan, il-persunal ta' ċertifikazzjoni li ħareġ is-CRS Finali ddependa kompletament fuq is-CRS maħruġ minn kull organizzazzjoni tal-Parti-145 u fil-koordinazzjoni mwettqa skont il-proċeduri stabbiliti mill-CAMO u skont il-kondizzjonijiet tal-kuntratt bejn il-CAMO u l-organizzazzjoni tal-Parti-145.

- b. Id-dikjarazzjoni ta' ċertifikazzjoni nkluża fis-CRS u fis-CRS Finali kienet identika għal dik li hemm fir-regola attwali.
- c. Il-GM 145.A.50 introdotta fl-NPA sabiex tiddeskrivi aħjar il-proċess ta' ċertifikazzjoni u sabiex tippovdi eżempji ta' Logs Tekniċi tneħħiet għar-raġunijiet li ġejjin:
1. Is-sistema proposta l-ġdida kienet ferm aktar sempliċi, li neħħiet il-bżonn ta' gwida għall-proċess ta' ċertifikazzjoni.
 2. L-eżempji ta' Log Tekniku issa ġew introdotti bħala materjal AMC fil-Parti M (responsabbiltà tal-operatur), taħt il-punt AMC M.A.306(a). Barra minn hekk, AMC 145.A.50 issa nkorporat gwida dwar kif l-organizzazzjoni tal-Parti-145 tista' timla l-Log Tekniku tal-operatur.

- d. Il-kunċett ta' Organizzazzjoni Primarja tal-Manutenzjoni (PMO), li għe introdott fl-NPA, tneħħa. Minflok, fl-M.A.708(b)7 u fl-AMC M.A.708(b)7 għe enfasizzat li r-responsabbiltà għall-koordinazzjoni baqgħet tal-Organizzazzjoni tal-Ġestjoni tal-Ajrunavigabbiltà Kontinwata (CAMO - Continuing Airworthiness Management Organisation). Dan għe ċċarat ukoll fl-AMC M.A.306(a)3.
- e. Fl-AMC M.A.306(a)3, għe ċċarat li, għalkemm il-ħruġ minn organizzazzjoni tal-Parti-145 ta' ċertifikat finali tar-rilaxx għas-servizz iċċertifika li l-manutenzjoni kollha ordnata mill-CAMO kienet twettqet jew għet differita kif adatt, dan ma jfissirx neċessarjament li l-inġenju tal-ajru kien ajrunavigabbli f'dak il-mument. Il-CAMO xorta kienet għadha responsabbli għall-ajrunavigabbiltà tal-inġenju tal-ajru u biex tiżgura li r-rekwiżiti kollha tal-ajrunavigabbiltà kontinwata għew issodisfati qabel ma sseħħ titjira. Dan kien l-iskop tad-dikjarazzjoni ta' manutenzjoni meħtieġa mill-punt M.A.306(a)3.
- f. Il-bidliet proposti fl-NPA taħt il-punt 145.A.55 "Reġistri ta' Manutenzjoni" tneħħew minħabba l-proċess aktar simplifikat ta' ċertifikazzjoni u t-tneħħija tal-PMO.
- g. Sabiex jipprovdu biżżejjed ħin lill-partijiet interessati affettwati u lill-awtoritajiet kompetenti, għe propost li d-dħul fis-seħħ ikun sena wara l-pubblikazzjoni tar-Regolament il-ġdid f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
13. Dawn il-bidliet proposti u t-tweġibiet għall-kummenti kollha li waslu matul il-konsultazzjoni esterna tal-NPA għew ippubblikati mill-Aġenzija fis-CRD 2007-09 fil-5 ta' Awwissu 2010. Dan is-CRD jista' jinstab fuq il-websajt tal-Aġenzija f':
http://www.easa.europa.eu/ws_prod/r/r_archives.php.
14. Wara li għe ppubblikat is-CRD 2007-09, fit-30 ta' Settembru 2010, l-Aġenzija organizzat workshop f'Cologne sabiex tispjega l-kontenut tiegħu u sabiex tgħin lill-partijiet interessati biex jifhmu l-proposta qabel ma jiġu sottomessi r-reazzjonijiet. Il-feedback li ngħata waqt il-workshop jinkludi dan li ġejjin:
- Xi awtoritajiet kompetenti talbu estensjoni tal-perjodu ta' reazzjoni għas-CRD sabiex ikollhom aktar żmien biex jirriflettu fuq l-informazzjoni li rċevew waqt il-workshop. L-Aġenzija qablet u estendiet il-perjodu standard ta' reazzjoni ta' xahrejn għal 3 ġimgħat aktar, jiġifieri sas-26 ta' Ottubru 2010.
 - Diversi awtoritajiet kompetenti, organizzazzjonijiet ta' manutenzjoni u assoċjazzjoni ta' linji tal-ajru kienu għadhom qed jopponu l-kunċett propost, prinċipalment fir-rigward tas-CRS Finali, li fehmu bħala trasferiment tar-responsabbiltajiet mill-Operatur/CAMO għall-organizzazzjoni tal-Parti-145.
 - Irriżulta b'mod evidenti li teħtieġ li ssir aktar ħidma sabiex jiġu ċċarati r-responsabbiltajiet tal-Operatur/CAMO, li hija kwistjoni kkunsidrata mill-Aġenzija bħala parti mill-azzjoni futura ta' tfassil ta' regoli (kompitu M.029, skedat li jibda fl-2011).
15. Bħala riżultat tal-konsultazzjoni esterna tas-CRD 2007-09, li tlestiet fis-26 ta' Ottubru 2010, l-Aġenzija rċeviet reazzjonijiet minn:
- ħames awtoritajiet kompetenti: il-Ministeru tat-Trasport tal-Awstrija, CAA-Danimarka, CAA-Olanda, CAA-Svezja, CAA-Renju Unit.
 - 11-il organizzazzjoni u assoċjazzjoni: Aerlyper, Aircraft Engineers International (AEI), l-Assoċjazzjoni ta' Tekniki Olandiżi tal-Avjazzjoni (NVL), Assoċjazzjoni tal-Linji tal-Ajru Ewropej (AEA), Assoċjazzjoni tal-Inġiniera Liċenzjati tal-Inġenji tal-Ajru (ALAE, UK),

Baines Simmons Limited, l-Assoċjazzjoni tat-Trasportaturi bl-Ajru Internazzjonali (IACA), KLM Engineering & Maintenance, Nayak Aircraft Service NL, l-Unjoni Norveġiża ta' Inġiniera Liċenzjati (NFO) u Transavia.com.

- 89 persuna individwali (ħafna minnhom persunal liċenzjat tal-manutenzjoni).

Dawn ir-reazzjonijiet jinsabu fid-dettall fl-Anness.

III. Kontenut tal-Opinjoni tal-Aġenzija

a. Kunsiderazzjonijiet tal-politika

16. Din l-Opinjoni tqis kemm jista' jkun is-suġġerimenti magħmula minn bosta partijiet interessati u awtoritajiet nazzjonali li pparteċipaw fil-konsultazzjoni u rreaġixxew għas-CRD.
17. F'dan il-punt, l-Aġenzija tixtieq tinnotta li l-feedback mogħti mill-komunità tal-persunal tal-manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru u mid-detenturi tal-liċenzji tal-manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru (kemm minn assoċjazzjonijiet kif ukoll minn individwi) appoġġaw b'mod ċar il-proposta tas-CRD.
18. Madankollu, u għalkemm in-numru ta' partijiet interessati u awtoritajiet kompetenti li pprovdew feedback negattiv għall-proposta tas-CRD naqas b'mod sinifikanti fir-rigward tal-NPA, dan il-feedback juri (ara l-Fajl Meħmuż li hemm f'din l-Opinjoni) li xorta għad hemm nuqqas ta' qbil sinifikanti mal-proposta mill-partijiet interessati u l-awtoritajiet kompetenti li ġejjin:
 - Awtoritajiet kompetenti: CAA-Renju Unit, CAA-Olanda, CAA-Danimarka, CAA-Svezja u l-Ministeru tat-Trasport tal-Awstrija.
 - Assoċjazzjonijiet tal-linji tal-ajru: l-'Assoċjazzjoni tal-Linji tal-Ajru Ewropej (AEA)' u l-'Assoċjazzjoni tat-Trasportaturi bl-Ajru Internazzjonali (IACA)'.
 - Linji tal-ajru individwali: 'Transavia.com'.
 - Organizzazzjonijiet ta' manutenzjoni: 'KLM Engineering & Maintenance' u 'Nayak Aircraft Service NL'.
 - Organizzazzjonijiet ta' Taħriġ/Konsulenza: 'Baines & Simmons Limited'.
 - Għadd limitat ta' persuni individwali.
19. Dan il-feedback jenfasizza t-tħassib ewlieni li ġej:
 - Jinħass li l-kompitu mhuwiex iġġustifikat kif adatt mil-lat tas-sikurezza u li ma hemm ebda ħtieġa għall-kompitu.
 - Jinħass li hemm impatt sinifikanti fuq l-industrija minħabba l-ħtieġa li jiġu emendati l-proċeduri u d-dokumenti u l-ħtieġa li jingħata taħriġ.
 - Jinħass li xi responsabbiltajiet tal-CAMO (prinċipalment il-funzjoni ta' koordinazzjoni u l-ħruġ tas-CRS finali) ġew ittrasferiti lill-organizzazzjoni tal-manutenzjoni. Barra minn hekk, hemm dubji rigward l-utilità tas-CRS finali.
 - Imisshom ġew żviluppati proċeduri differenti għall-manutenzjoni tal-linja u tal-bażi.

- Hemm bżonn li l-Parti-M tiġi ċċarata iktar, b'mod partikolari:
 - Ir-responsabbiltajiet u l-proċeduri tal-CAMO.
 - Il-ħruġ, l-aġġornament u d-distribuzzjoni tad-'dikjarazzjoni ta' manutenzjoni'.
 - Differenzi bejn CRS, CRS finali u 'dikjarazzjoni ta' manutenzjoni', u r-relazzjoni tagħhom mal-istejtus ta' manutenzjoni/ajrunavigabbiltà tal-inġenju tal-ajru.
20. L-Aġenzija hija tal-fehma, għall-kuntrarju ta' dak li esprimew xi partijiet interessati u awtoritajiet kompetenti, li tista' tiġi adottata azzjoni ta' tfassil ta' regoli sabiex ittejjeb is-sikurezza anke jekk ma jkunx hemm rekords ta' inċidenti marbuta direttament mal-kwistjoni partikolari. L-azzjoni tat-tfassil ta' regoli mhijiex immotivata biss mill-inċidenti: tista' tinbeda wkoll meta l-feedback mill-partijiet interessati u l-awtoritajiet kompetenti juri li hemm interpretazzjonijiet differenti ħafna tal-istess rekwiżiti, ħafna minnhom kontra l-intenzjoni tar-regolatur. Dan huwa l-każ evidenti meta r-regolament ikun ambigwu jew meta jkun hemm nuqqas ta' materjal ta' gwida.
21. Fil-każ partikolari ta' dan il-kompitu, kif indikat fit-Termini ta' Referenza, il-kompitu nbeda fuq talba tal-partijiet interessati u l-awtoritajiet kompetenti. Barra minn hekk, il-kummenti li waslu matul il-fażi ta' konsultazzjoni tal-NPA u s-CRD, il-kummenti li waslu matul il-workshop li sar fit-30 ta' Settembru 2010 u d-diskussjonijiet li saru bejn l-Aġenzija u l-awtoritajiet kompetenti matul konferenzi reċenti ta' Standardizzazzjoni, urew lill-Aġenzija li għad hemm għadd sinifikanti ta' misinterpretazzjonijiet kif ukoll oqsma fejn ir-regolament jista' ma jkunx kompletament konsistenti jew preċiż fir-rigward tal-Parti-145 u r-responsabbiltajiet tal-CAMO, kif ukoll fir-rigward tal-kontabbiltà tal-persunal ta' ċertifikazzjoni meta jirrilaxxa l-manutenzjoni.
22. Barra minn hekk, l-Aġenzija saret konxja ta' Bullettin ta' AAIB 9/2010 (maħruġ mill-Air Accidents Investigation Branch, UK), relatat ma' inċident serju li seħħ fit-12 ta' Jannar 2009 u li involva Boeing 737, bir-reġistrazzjoni G-EZJK. Dan l-inċident seħħ wara proċess fejn l-operatur kien qed jirritorna ajruplan li qabel kien fuq kirja, u fejn l-operatur u dak li kien qed jagħmel il-manutenzjoni bażi tiegħu kienu daħlu fis-seħħ diversi kuntratti ma' kumpaniji terzi biex iwettqu u jissorveljaw kwalunkwe manutenzjoni assoċjata bħala pakketti diskreti tax-xogħol. Fost rakkomandazzjonijiet ta' sikurezza oħrajn li jinsabu f'dan il-Bullettin ta' AAIB, ir-Rakkomandazzjoni tas-Sikurezza 2010-072 tirrakkomanda li l-Aġenzija tirrevedi r-regolamenti u l-gwida fl-OPS1, Parti-M u Parti-145 sabiex tiżgura li dawn ikunu indirizzaw b'mod adegwat manutenzjoni kumplessa, ta' ħafna livelli u ta' subkuntrattar u l-arranġamenti operattivi. Din tenfasizza wkoll il-bżonn ta' evalwazzjoni tal-istruttura organizzattiva ġenerali, l-interfaċċji, il-proċeduri, ir-rwoli, ir-responsabbiltajiet u l-kwalifiki/kompetenza tal-persunal prinċipali fuq il-livelli kollha tas-subkuntratti.
23. Dan saħħaħ l-opinjoni tal-Aġenzija li kien hemm, u għad hemm, bżonn ta' azzjoni ta' tfassil ta' regoli f'dan il-qasam.
24. L-Aġenzija temmen ukoll li kwalunkwe azzjoni ta' regolamentazzjoni għandha impatt - li għandu kemm jista' jkun jitnaqqas. Il-fatt li l-proċeduri u d-dokumenti għandhom jiġu emendati jew il-fatt li t-taħriġ għandu jiġi pprovdut huwa komuni fi kważi kull bidla tar-regolament, iżda dan l-impatt għandu jiġi kkompensat mill-benefiċċji tal-azzjoni tat-tfassil ta' regoli.

25. Fir-rigward ta' dan il-kompitu, l-Aġenzija għadha tal-fehma li t-test propost fis-CRD jipprovdi l-benefiċċji li ġejjin:
- Linja ċara ta' responsabbiltajiet:
 - Ċertifikazzjoni ta' manutenzjoni (CRS): Kull organizzazzjoni tal-Parti-145 tiċċertifika u hija responsabbli għax-xogħol tagħha stess mal-ħruġ tas-CRS, anke f'dawk il-każijiet fejn ix-xogħol ma jkunx komplet jew iħalli lill-inġenju tal-ajru f'kundizzjoni mhux tajba għat-titjir. Dan jista' jiġi pprovdut anke f'iktar dettall, sabiex kull persunal ta' ċertifikazzjoni jiċċertifika x-xogħol tiegħu stess (is-CRS tiegħu stess).
 - Rilaxx finali tal-inġenju tal-ajru (CRS Finali) lill-pilota:
 - Fir-rigward tal-manutenzjoni ordnata mill-CAMO biss.
 - Jiddependi fuq iċ-ċertifikazzjoni tal-manutenzjoni mwettqa mas-CRS.
 - Ir-responsabbiltà għall-ajrunavigabbiltà tal-ajruplan u għad-definizzjoni tal-proċeduri tal-koordinazzjoni tibqa' għand il-CAMO.
 - Huwa possibbli li x-xogħol jiġi ċertifikat anke jekk jinstab nuqqas ta' konformità (jiġifieri spezzjoni NDT mwettqa minn organizzazzjoni kklassifikata D1, fejn jinstabu xquq) jew anke jekk l-inġenju tal-ajru jitħalla f'konfigurazzjoni mhux tajba għat-titjir (jiġifieri l-ordni tax-xogħol teħtieġ li jitneħħew il-magni għall-finijiet ta' preservazzjoni).
 - Il-pilota jirċievi rilaxx uniku (CRS Finali) li jgħid lilu/lilha li l-manutenzjoni kollha ordnata mill-operatur tkun tlestiet.
 - Jekk jiġi implimentat sewwa għandu jiżgura li l-azzjonijiet kollha ta' manutenzjoni ordnati mill-operatur ikunu tlestew.
26. Barra minn hekk, l-Aġenzija pproponiet miżuri ta' transizzjoni fis-CRD biex tnaqqas l-impatt fuq il-partijiet interessati u l-awtoritajiet kompetenti.

b. Konklużjonijiet

27. Għalhekk, l-Aġenzija hija tal-fehma li t-tfassil ta' regoli huwa meħtieġ sabiex jiġu indirizzati l-kwistjoni tar-rilaxx uniku u multiplu u li l-proposta tas-CRD laħqet dak l-għan. Madankollu, l-Aġenzija tirrikonoxxi wkoll, b'kunsiderazzjoni tal-kummenti li rċeviet, li l-proposta tagħha tista' teħtieġ xi titjib. Barra minn hekk, ir-Rakkomandazzjoni tas-Sikurezza 2010-072 maħruġa mill-AAIB fil-Bullettin 9/2010 turi li dan il-kompitu jista' ma jkunx biżżejjed biex jindirizza wħud mill-kwistjonijiet. Fil-fatt, ir-responsabbiltajiet tal-CAMO u r-relazzjoni tagħhom mal-ajrunavigabbiltà tal-inġenji tal-ajru mhumiex indirizzati fil-proposta. Huwa meħtieġ li dan jiġi ċċarat. Madankollu, huwa ppjanat li l-kwistjoni tar-responsabbiltajiet tal-CAMO jiġu indirizzati permezz tal-kompitu M.029 li jinsab fil-Programm ta' Tfassil ta' Regoli, skedat li jibda fl-2011. Konsegwentement, l-Aġenzija ddeċidiet li tgħaqqad dawn iż-żewġ attivitajiet, li huma relatati.

28. Bħala konsegwenza, l-Opinjoni finali tal-Aġenzija hija din:

- **Għeluq tal-kompitu 145.012 mingħajr ma ttipponi ebda bidla għar-regolamenti attwali jew materjal AMC/GM f'dan l-istadju.**

- **F'konformità mar-Rakkomandazzjoni tas-Sikurezza tal-AAIB 2010-072 li tinsab fil-Bullettin 9/2010, tibbenefika mill-ħidma mwettqa matul il-kompitu 145.012 u tespandi l-ambitu tal-kompitu M.029, skedat li jibda fl-2011, sabiex tindirizza simultanjamant:**
 - **ir-responsabbiltajiet tal-CAMOs u tal-organizzazzjonijiet tal-Parti-145, u**
 - **il-proċeduri għall-manutenzjoni, koordinazzjoni, rilaxx tal-inġenji tal-ajru u determinazzjoni tal-ajrunavigabbiltà.**

IV. Valutazzjoni Regulatorja tal-Impatt

29. Peress li din l-Opinjoni ma tipproponi ebda bidla fir-regolament attwali jew fl-AMC/GM, ma hemm ebda impatt assoċjat.

Cologne, 29 ta' Novembru 2010

P. GOUDOU
Direttur Eżekuttiv

ANNEX: Reazzjonijiet għas-CRD 2007-09**Reazzjonijiet li jsostnu l-emendi proposti:**

- (1) **Aircraft Engineers International (AEI), l-Assoċjazzjoni tat-Tekniċi Olandiżi tal-Avjazzjoni (NVLT), l-Assoċjazzjoni tal-Inġiniera Liċenzjati tal-Ajruplani (ALAE, UK), l-Unjoni Norveġiża ta' Inġiniera Liċenzjati (NFO), u 75 minn 89 persuna individwali (ħafna minnhom personal liċenzjat tal-manutenzjoni)** jappoġġaw il-kontenut tat-test propost fis-CRD 2007-09. Ir-raġunijiet li taw jinkludu dawn li ġejjin:
- Il-proposta tneħħi l-ambiguitajiet tar-regolament attwali u tippromwovi l-armonizzazzjoni tal-proċeduri ta' ċertifikazzjoni, li huma meħtieġa speċjalment minħabba t-tendenza attwali li tiżdied l-esternalizzazzjoni u l-manutenzjoni minn partijiet terzi.
 - Il-proposta tiddefinixxi r-responsabbiltajiet b'mod ċar.
 - Il-proposta ma tinterferixx mar-responsabbiltajiet ta' sorveljanza tal-CAMO.
 - L-istejtus tal-manutenzjoni tal-inġenju tal-ajru jsir ovvju għall-ekwipaġġ tat-titjira.
 - Il-proposta sejra żżid is-sikurezza.

Reazzjonijiet li jitolbu bidliet żgħar fl-emendi proposti:

- (2) **L-Assoċjazzjoni tat-Tekniċi Olandiżi tal-Avjazzjoni (NVLT)**, minbarra xi bidliet żgħar fil-formulazzjoni, ipponiet dan li ġej:
- Li jiġi ċċarat aktar fl-AMC 145.A.50(b)1 li permezz tal-ħruġ tas-CRS finali, l-inġenju tal-ajru għandu jitqies bħala 'lest għar-rilaxx għas-servizz' wara l-manutenzjoni.
 - Li l-persunal ta' ċertifikazzjoni li ħareġ is-CRS finali għandu jiżgura li l-ilmenti kollha dwar il-manutenzjoni jiġu kkoreġuti u/jew differiti mill-persuni awtorizzati kif support minflok ma jivverifikaw sempliċement li jkun inħareġ is-CRS korrispondenti.
 - Li tiġi ċċarata t-tifsira tas-sentenza 'il-manutenzjoni kollha ordnata mill-operatur tkun tlestiet jew tkun ġiet differita kif support', li tinsab f'145.A.50(b).
 - Li jiġi ċċarat aktar il-kunċett ta' 'sign-off' li jinsab fl-AMC 145.A.65(b)3.
- (3) **Aircraft Engineers International (AEI), l-Assoċjazzjoni tal-Inġiniera Liċenzjati tal-Inġenji tal-Ajru (ALAE, UK) u ċertu numru ta' persuni individwali** talbu li jiġi ċċarat b'mod assolut li l-privileġġi tal-Kategorija A ma jinkludux 'soluzzjonijiet għall-problemi tas-sistema'.

L-Aġenzija tinnota li din il-kwistjoni ġiet indirizzata fil-kompitu 66.006 u fl-Opinjoni 05/2009.

- (4) **'Aerlyper'** talbet li jiġu ċċarati aktar il-klassifikazzjonijiet meħtieġa għall-organizzazzjonijiet ta' manutenzjoni u għad-detenturi tal-liċenzji tal-Parti-66 sabiex dawn ikunu jistgħu joħorġu s-CRS finali.
- (5) **Persuna individwali waħda** talbet li l-possibbiltà ta' rilaxx ta' 'kontroll ta' kuljum jew ekwivalenti tiegħu' wara jkun f'ħaq is-CRS finali tiġi estiża biex tkopri wkoll kompiti b'intervall ta' sa sebat ijiem kull MRB/MPD.

Reazzjonijiet kontra l-emendi proposti:

- (6) **L-Assoċjazzjoni tal-Linji tal-Ajru Ewropej (AEA) u 'KLM Engineering & Maintenance'**, apparti milli kkunsidraw li l-NPA kellu jiġi kompletament irtirat, ċaħdu l-proposta fis-CRD għar-raġunijiet li ġejjin:

- Il-CAMO hija f'pożizzjoni aħjar mill-organizzazzjoni tal-Parti-145 biex twettaq id-dmirijiet involuti fir-rilaxx tal-inġenji tal-ajru.
- Il-bidliet proposti jmorru kontra l-prinċipji pprovati tar-regolament attwali, billi jittrasferixxu r-responsabbiltajiet mill-CAMO għall-organizzazzjoni tal-Parti-145.
- Is-CRS finali propost fih dikjarazzjonijiet dwar l-eżistenza tas-CRS u l-kompletezza tal-manutenzjoni ordnata mill-CAMO u mwettqa minn organizzazzjonijiet ta' manutenzjoni oħra, li jemmnu li hija r-responsabbiltà u l-privileġġ tal-CAMO.
- Il-proposta ma tippermettix lil persunal ta' ċertifikazzjoni tal-kategorija A biex jiffirma s-CRS finali jekk ikun hemm persuni oħra involuta fil-manutenzjoni.
- M'hemm l-ebda riskju muri għas-sikurezza u l-benefiċċju tas-sikurezza ġie sopravalutat, bil-bidla tkun riskju matul il-perjodu ta' transizzjoni.
- L-impatt ekonomiku fuq l-organizzazzjonijiet tal-Parti-145 ġie sottovalutat, inkluż it-taħriġ u l-emenda tal-proċeduri u tal-Log Tekniku.

AEA u KLM jipproponu li jekk jintwera r-riskju perċeput involut fir-regolamenti attwali, l-EASA għandha tevalwa l-proċeduri tad-domain tal-Parti M u tħalli l-Parti-145 l-istess.

- (7) **L-'Assoċjazzjoni Internazzjonali tat-Trasportaturi bl-Ajru IACA'** ċaħdet il-proposta fis-CRD għar-raġunijiet li ġejjin:

- Dawn ma jaqblux li n-nuqqas ta' standardizzazzjoni tas-sistema attwali jwassal għal kwistjonijiet possibbli ta' sikurezza addizzjonali.
- L-impatt pożittiv ta' sikurezza tal-proposta ġie sopravalutat u mhuwiex iġġustifikat.
- Is-CRS finali se jwassal għal kwistjonijiet possibbli ta' sikurezza għall-organizzazzjonijiet u l-awtoritajiet.
- Dawn ma jarawx il-ħtieġa għal CRS finali minħabba li jemmnu li:
 - Jekk ikun hemm biss organizzazzjoni waħda tal-Parti-145 li taħdem fuq l-inġenju tal-ajru, ikollha l-għażla li toħroġ CRS għal kull komplitu jew għal grupp ta' kompiti. Fl-aħħar nett, l-organizzazzjoni tal-Parti-145 tista' toħroġ CRS uniku

għax-xogħol kollu li tkun wettqet u koordinat bħala aċċettat skont l-ordni tax-xogħol tal-CAMO, li m'hemm xejn ġdid fih u huwa ġeneralment aċċettat.

- Jekk organizzazzjoni tal-Parti-145 tkun daħħlet f'subkuntratt ma' organizzazzjonijiet oħra tal-Parti-145, din l-organizzazzjoni tal-Parti-145 tista' tiddeċiedi li toħroġ CRS uniku għax-xogħlijiet kollha mwettqa u kkoordinati bħala aċċettati skont l-ordni tax-xogħol tal-CAMO, li m'hemm xejn ġdid fih u li huwa aċċettat b'mod ġenerali.
- Jekk il-CAMO tkun ikkuntrattat diversi organizzazzjonijiet tal-Parti-145, is-CRS finali jittrasferixxi responsabbiltajiet tal-CAMO lill-organizzazzjoni tal-Parti-145.
- Mill-perspettiva tal-pilota, is-CRS finali joħloq sens falz ta' kompletezza, peress li, fi kwalunkwe każ, il-pilota għandu jikkontrolla d-dikjarazzjonijiet tal-manutenzjoni relatati għal manutenzjoni skedati u barra mill-fażi, l-elementi diferiti, eċċ.
- Se jkun hemm impatt negattiv minħabba l-ħtieġa għall-Manwali ta' Espożizzjoni ġodda, proċeduri, struzzjonijiet tax-xogħol, taħriġ, Logs Tekniċi, kuntratti.
- Se jkun hemm impatt soċjali u kulturali fl-industrija.

L-IACA tipproponi dan li ġejj:

- Li jinżammu ż-żewġ għażlijiet ta' rilaxx uniku u multiplu.
- Li ma jiġix implimentat il-kunċett tas-CRS finali.
- Jekk rilaxx uniku jkun għadu kkunsidrat meħtieġ mill-EASA għall-każ fejn il-CAMO timpjega diversi organizzazzjonijiet tal-Parti-145, dan id-dokument li m'għandux jiġi ttikkettat bħala 'CRS' iżda bħala 'folja sommarja'.

(8) **'Nayak Aircraft Service NL'** ċaħdet il-proposta tas-CRD għar-raġunijiet li ġejjin:

- Ma jarawx ġustifikazzjoni għall-kompitu u ma jemmnu li din il-proposta ttejjeb is-sikurezza tat-titjiriet.
- Hemm trasferiment tar-responsabbiltajiet mill-CAMO għall-organizzazzjoni kkuntrattata tal-Parti-145. Ir-responsabbiltà għas-CRS finali għandha tkun tal-CAMO.
- Is-CRS finali huwa dokument amministrattiv u għandu jissejjaħ 'dikjarazzjoni ta' manutenzjoni' jew 'finali amministrattiv'.
- Is-CRS finali huwa meħtieġ għall-manutenzjoni kollha tal-linja u dik bażi, filwaqt li Nayak temmen li għandha ssir distinzjoni bejn il-manutenzjoni tal-linja u dik bażi.
- B'mod simili għall-persunal ta' ċertifikazzjoni tal-Kategorija B u Ċ, il-persunal ta' ċertifikazzjoni tal-Kategorija A għandu jkun awtorizzat ukoll li joħroġ CRS finali indipendentament mill-ambitu tal-kompiti, minħabba li dan huwa kompitu amministrattiv.

'Nayak Ajruplani Servizz NL' tipproponi li tirtira kompletament il-bidlijiet proposti.

(9) **'Transavia.com'** ċaħdet il-proposta fis-CRD għar-raġunijiet li ġejjin:

- Huma ma jarawx ġustifikazzjoni għall-kompitu.
- L-impatt pożittiv tas-sikurezza ġie sopravalutat.

- Il-proposta tnaqqas ir-responsabbiltajiet.
- Il-kunċett tas-CRS finali mhuwiex meħtieġ għall-operaturi li jikkuntrattaw biss organizzazzjoni waħda tal-Parti-145.
- Se jkun hemm impatt negattiv minħabba l-ħtieġa għal Manwali ta' Espożizzjoni ġodda, proċeduri, struzzjonijiet tax-xogħol, taħriġ, Logs Tekniċi, kuntratti.
- Se jkun hemm impatt soċjali u kulturali fl-industrija u l-awtoritajiet nazzjonali.

(10) **'Baines Simmons Limited'** ċaħdet il-proposta fis-CRD għar-raġunijiet li ġejjin:

- Il-proposta tittrasferixxi r-responsabbiltà għall-koordinazzjoni tal-manutenzjoni mill-CAMO lill-organizzazzjoni tal-Parti-145.
- Il-proposta tinkludi żewġ tipi differenti ta' rilaxx (CRS u CRS finali) bl-istess formulazzjoni.
- Hemm ambigwiżà ċara fir-regolament attwali bejn il-Parti-M u l-Parti-145, fejn l-organizzazzjoni tal-manutenzjoni qiegħda 'tirrilaxxa l-inġenju tal-ajru għas-servizz' fir-rigward tal-kompiti individwali, iżda dan ma jfissirx neċessarjament li l-inġenju tal-ajru huwa ajrunavigabbli.

'Baines Simmons Limited' tipproponi dan li ġej:

- L-EASA għandha tpoġġi l-isforzi tagħha fl-iżvilupp tal-materjal tar-regolament/AMC għall-Parti M fir-rigward tal-M.A.306(a)3 'dikjarazzjoni ta' manutenzjoni', b'mod partikolari kif dan għandu jiġi aġġornat u mqassam fil-ħin fir-rigward ta' kull avveniment ta' manutenzjoni u mhux biss avvenimenti ta' manutenzjoni tal-bażi.
- L-EASA għandha tiskoraġġixxi lis-sidien/lill-operaturi milli joħolqu arranġamenti kumplessi kkuntrattati ta' manutenzjoni li jistgħu jidhru li jwasslu għal xenarji kkumplikati, fejn organizzazzjonijiet tal-Parti-145 multipli qegħdin jiġu ppreżentati lill-pilota, b'mod speċjali fil-każ tal-ambjent tal-manutenzjoni tal-linja.
- Jekk l-EASA xorta trid li jkollha żewġ rilaxxi differenti, allura dawn għandhom ikunu pjuttost differenti, b'distinzzjoni bejn 'ċertifikazzjoni ta' manutenzjoni' u 'rilaxx għas-servizz'.
- Jinholq 'rilaxx ta' manutenzjoni' aktar adatt fil-Parti-145 u 'rilaxx għas-servizz ta' ajrunavigabbiltà' definiti b'mod aktar korrett fil-Parti-M.

(11) **CAA-Olanda, il-Ministeru tat-Trasport tal-Awstrija u s-Sur Walter Gessky (Membru Awstrijak tal-Kumitat tal-EASA)**, minbarra li kkunsidraw li l-NPA għandha tiġi rtirata għal kollox jew kellha tkun limitata għal materjal AMC/GM, ċaħdu l-proposta fis-CRD għar-raġunijiet li ġejjin:

- L-impatt pożittiv tas-sikurezza huwa limitat ħafna filwaqt li hemm piż burokratiku u amministrattiv kbir fuq l-industrija.
- Is-CRS finali tnaqqas id-diviżjoni attwali ta' responsabbiltajiet bejn CAMOs u organizzazzjonijiet tal-Parti-145, speċjalment fil-qasam tal-koordinazzjoni ta' attivitajiet ta' manutenzjoni. Ir-responsabbiltajiet tal-CAMO qegħdin jiġu ttrasferiti lill-organizzazzjoni tal-Parti 145.

- Is-CRS finali joħloq sens falz ta' ċertezza fuq il-pilota minħabba li huwa mhux dejjem ikun jaf (jew jeħtieġ li jkun jaf) liema manutenzjoni tkun ġiet ordnata.
- Fil-każ ta' inġenji tal-ajru li ma jkunux involuti fil-Trasport Kummerċjali bl-Ajru, il-proposta tista' tintroduċi r-riskju ta' konfużjoni għall-pilota, l-aktar jekk tkun saret manutenzjoni kemm mill-organizzazzjoni tal-Parti-145 kif ukoll mill-organizzazzjoni ta' manutenzjoni tas-Sottoparti F. F'dak il-każ, is-CRS finali mhux dejjem jista' jkun preżenti.

CAA-Olanda, il-Ministeru tat-Trasport tal-Awstrija u s-Sur Walter Gessky jipproponu li ma jsir xejn.

(12) **CAA-Danimarka**, minbarra li tikkunsidra li l-NPA kellha tiġi rtirata kompletament jew kellha tkun limitata għal materjal AMC/GM, ċaħdet il-proposta fis-CRD għar-raġunijiet li ġejjin:

- Il-proposta tagħmel lis-sistemi eżistenti aktar ikkumplikati pjuttost milli tiċċarahom.
- L-impatt pożittiv tas-sikurezza huwa limitat ħafna filwaqt li hemm piż burokratiku u amministrattiv kbir fuq l-industrija. Dan jinkludi proċeduri u dokumenti ġodda, kif ukoll komputu kbir ta' implimentazzjoni fl-organizzazzjonijiet.
- Is-CRS finali jnaqqas id-diviżjoni attwali tar-responsabbiltajiet bejn CAMOs u organizzazzjonijiet tal-Parti-145, speċjalment fil-qasam ta' koordinazzjoni ta' attivitajiet ta' manutenzjoni. Ir-responsabbiltajiet tal-CAMO qegħdin jiġu ttrasferiti lill-organizzazzjoni tal-Parti-145.
- Is-CRS jista' jagħti l-impresjoni lill-pilota li l-inġenju tal-ajru huwa tajjeb biex jintuża għat-titjira, mingħajr ma jkun jaf li għandu jkun hemm CRS finali.

CAA-Danimarka tipproponi li jiġi rivedut biss il-materjal AMC/GM eżistenti sabiex tiġi ċċarata l-interpretazzjoni tas-CRS.

(13) **CAA-Svezja** ċaħdet il-proposta fis-CRD għar-raġunijiet li ġejjin:

- Il-proposta tagħmel il-kunċett tar-rilaxx għas-servizz problema akbar milli hu, aktar ikkumplikat u b'verżjonijiet differenti.
- L-operaturi kollha għandhom jiżviluppaw is-Sistema tal-Log Tekniku tagħhom u ċ-ċertifikazzjoni tal-manutenzjoni (CRS) anke jekk ma jużawx aktar minn organizzazzjoni ta' manutenzjoni waħda kull darba.
- L-operaturi kollha għandhom ibiddlu s-Sistema tal-Log Tekniku tagħhom minħabba li ftit minnhom żviluppaw xi ħaġa oħra.
- L-organizzazzjonijiet kollha ta' manutenzjoni għandhom jiżviluppaw proċeduri u jħarrġu lill-persunal tagħhom. Dan joħloq spejjeż mingħajr żieda fil-livell tas-sikurezza.
- Jekk xi CAMO/Operaturi jridu jużaw aktar minn organizzazzjoni ta' manutenzjoni waħda fl-istess avveniment, dawn għandhom jieħdu r-responsabbiltà kollha. Illum hemm biżżejjed spazju fis-sistema legali biex jiġi organizzat l-użu ta' aktar minn organizzazzjoni ta' manutenzjoni waħda fl-istess avveniment.
- Il-'kunċett ta' responsabbiltajiet' ċari illum għall-CAMO u l-organizzazzjoni tal-Parti-145 sejrjn jiġu dilwiti. Dan jeqred il-'kunċett' ċar tal-ordni tax-xogħol'.

- Se jkun diffiċli li l-organizzazzjoni tal-Parti-145 maħtura tikkoordina, minħabba n-nuqqas ta' għarfien/aċċess għall-kuntratti l-oħra ta' manutenzjoni.
- Ħafna mill-persunal ta' ċertifikazzjoni sejjer jesperjenza ħafna ffirmar mhux meħtieġ li sejjer iwassal għal konfużjoni dwar dak li jiffirmaw għalih. Il-valur u l-intenzjoni tal-firma sejrin jiġu dilwiti.
- Organizzazzjoni tal-Parti-145 li taħdem b'ingeni tal-ajru CAT u mhux CAT għandu jkollha żewġ sistemi ta' ċertifikazzjoni tal-manutenzjoni.
- Kif se jkunu r-responsabbiltajiet ta' koordinazzjoni f'sitwazzjoni fejn CAMO 'indipendenti' jkollha kuntratt ma' operatur li jikkonforma mal-M.A.201(i) u l-operatur ikollu kuntratti ma' organizzazzjonijiet tal-Parti-145 u tal-manutenzjoni tas-Sottoparti F?
- Kif sejra titwettaq ċertifikazzjoni ta' manutenzjoni meta operatur li jikkonforma mal-M.A.201(i), li juża Sistema Log Tekniku b'CRS u CRS finali, ikollu kuntratti ma' organizzazzjonijiet tal-Parti-145 u ta' manutenzjoni tas-Sottoparti F?

CAA-Svezja tipproponi biss li jiġu ċċarati r-responsabbiltajiet tal-CAMO/Operatur fl-M.A.708.

(14) **CAA-Renju Unit** topponi l-proposta tas-CRD permezz tar-raġunijiet li ġejjin:

- CAA-UK mhijiex f'pożizzjoni li tidentifika kwalunkwe tħassib speċifiku tas-sikurezza f'dan il-qasam li jeħtieġ azzjoni tal-Aġenzija.
- Il-proposta tikkomplika l-prattiki tal-ħidma f'organizzazzjoni tal-Parti-145 li jwassal għal burokracija żejda u benefiċċju tas-sikurezza mhux definit.
- Din tikkomplika r-relazzjoni u ċċajpar ir-responsabbiltajiet bejn il-CAMO u l-organizzazzjoni kkuntrattata tal-Parti-145.
- Id-dikjarazzjoni għas-CRS finali m'għandhiex tkun CRS skont 145.A.50 minħabba li dan huwa kompitu amministrattiv li mhuwiex inkluż fid-definizzjoni tal-manutenzjoni mniżżla fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 2042/2003.
- Il-proposta ma tippermettix lil persunal ta' ċertifikazzjoni tal-kategorija A biex jiffirma s-CRS finali jekk ikun hemm persuni oħra involuti fil-manutenzjoni. UK-CAA tipproponi li l-manutenzjoni skedata tal-linja tiġi sseparata mir-rettifika sempliċi tad-difetti, filwaqt li tippermetti li f'każ bħal dan, is-CRS finali jinħareġ minn persunal ta' ċertifikazzjoni tal-kategorija A anke jekk ix-xogħol ikun twettaq minn persuni oħra.
- Il-UK-CAA ma tappoġġax il-fatt li l-organizzazzjonijiet ikklassifikati bħal B, C u D li jwettqu xogħol fuq l-ingenu tal-ajru jistgħu joħorġu CRS fuq il-livell tal-ingenu tal-ajru, u temmen li għandha tintuża l-Formola 1.
- L-eżempji tal-Log Tekniku li jinsabu fl-AMC 145.A.50 mhumiex preċiżi biżżejjed minħabba li dawn ma fihomx, pereżempju, referenza għad-dettalji tal-komponenti bis-serje. Dan jista' jwassal biex wieħed jaħseb li l-oqsma msemmija fl-eżempji huma biżżejjed.

(15) **Persuna individwali waħda** ċaħdet il-proposta fis-CRD għar-raġunijiet li ġejjin:

- Il-proposta tinkludi żewġ tipi differenti ta' rilaxxi (CRS u CRS finali) bl-istess formulazzjoni.

- Il-persuna li tiffirma s-CRS finali mhijiex responsabbli għax-xogħol kopert mis-CRS l-ieħor.
- Din il-persuna tara inkonsistenza fil-fatt li hija awtorizzata li tiffirma l-kontroll ta' kuljum wara s-CRS finali mingħajr ma jinħareġ CRS finali ieħor.

Din il-persuna tipproponi waħda miż-żewġ alternattivi:

- Jitħassar is-CRS finali u dan jiġi ssostitwit b'dikjarazzjoni fil-Log Tekniku li tgħid li l-manutenzjoni twettqet u/jew ġiet differita minn persunal liċenzjat/awtorizzati/approvat kif suppost u li l-inġenju tal-ajru huwa ajrunavigabbli. Id-dikjarazzjoni tas-CRS uniku li jkollha żewġ firem (B1 u B2) għandha tkun biżżejjed.
- Jekk jinżamm is-CRS finali, allura għandu jkollu żewġ firem (B1 u B2) sabiex jiċċertifika u jieħu r-responsabbiltà għall-kompiti kollha.

Din il-persuna tipproponi wkoll li l-persunal ta' ċertifikazzjoni B2 għandu jkun involut fiċ-ċertifikazzjoni tal-kontroll ta' kuljum.

(16) **Żewġ persuni individwali** ċaħdu l-proposta fis-CRD għar-raġunijiet li ġejjin:

- Il-proposta qiegħda tappoġġa lill-operaturi akkost tas-sikurezza, u b'hekk tippermetti aktar esternalizzazzjoni tal-manutenzjoni.
- Din l-esternalizzazzjoni tippromwovi l-eżistenza ta' organizzazzjonijiet ta' manutenzjoni speċjalizzati f'xogħlijiet partikolari, li jagħmluha diffiċli għall-persunal ta' ċertifikazzjoni biex jikseb l-għarfien u l-esperjenza fuq l-inġenju tal-ajru kollu, li huwa meħtieġ sabiex tinkiseb liċenzja.

(17) **Persuna individwali waħda** esprimiet in-nuqqas ta' qbil tagħha mal-fatt li s-CRS finali jista' jinħareġ minn persuna waħda, anki jekk din il-persuna ma kellha ebda input dwar il-manutenzjoni mwettqa u anki jekk ftit mix-xogħol huwa barra mill-ambitu tal-liċenzja tiegħu/tagħha.

(18) **Persuna individwali waħda** esprimiet il-fehma li l-proposta tas-CRD mhijiex meħtieġa minħabba li l-oqsma kollha huma diġà koperti u żviluppata sa tali punt li dan huwa n-negozju standard ta' kuljum tal-industrija.

(19) **Persuna individwali waħda** kkummentat li l-proposta tneħħi r-responsabbiltà mill-persuni responsabbli għall-manutenzjoni tal-inġenju tal-ajru.

Reazzjonijiet oħra:

(20) **L-Assoċjazzjoni tat-Tekniċi Olandiżi tal-Avjazzjoni (NVL)** staqsiet jekk il-proposta tas-CRD tinkludix diġà l-estensjoni tal-privileġġi B2 (NPA 2007-07) f'66.A.20, punt 3.

L-Aġenzija tinnota li s-CRD ma kienx fih din il-bidla minħabba li għadha ma ġietx adottata formalment mill-Kummissjoni s'issa. L-estensjoni tal-privileġġi B2 hija parti mill-proċess ta' adozzjoni tal-Opinjoni 05/2009.

(21) **Persuna individwali waħda** talbet li UK-CAA terġa' taqleb għal eżami orali komplut sabiex tinkiseb liċenzja għall-manutenzjoni ta' inġenju tal-ajru.

L-Aġenzija tinnota li dan mhuwiex possibbli taħt ir-regolamenti attwali tal-UE.

(22) **Persuna individwali waħda** ssottomettiet b'mod skorrett f'dan is-CRD 2007-09 kumment relatat mal-NPA 2010-09, fir-rigward tat-termini 'kuntrattar' u 'subkuntrattar'.

(23) **Persuna individwali waħda kkummentat dan li ġej:**

- Hija tappoġġa l-armonizzazzjoni tal-mod kif l-inġenju tal-ajru jiġi rilaxxat.
- Hija tappoġġa l-kunċett tar-rilaxx multiplu minħabba li dan iqiegħed ir-responsabbiltà biss fuq il-persuna li tiċċertifika x-xogħol.
- Hija ssemmi li l-kunċett tar-rilaxx uniku jippromwovi l-ħruġ ta' CRS mingħajr ma wieħed jara jew ma jkun jaf dak li jkun sar fuq l-inġenju tal-ajru, speċjalment għal xogħlijiet kbar u kumplessi, u jippromwovi wkoll it-twettiq tal-manutenzjoni minn persunal mhux ikkwalifikat.
- Hija kompletament kontra l-prattika fejn ħafna xogħlijiet jiġu ffirmati minn persuni approvati mill-kumpanija mingħajr liċenzja.